DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI ...................................... ĦINIJIET ................. POST: ...............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ......................................          DATA/DATI ..........................................

DIRETTUR/REĠISTA: .................................

*Notamenti*

**IL-BELLIEGĦA FIL-BIR**

***3 Att, 1 Xena, p.116 (M/m)***

## MICHAEL

**META L-ASS IDUR.**

Le, dażgur, kont tinsiena kif dejjem insejtna kieku!

Allura? – OK, jien ħadthom dawk iċ-ċekkijeit – orrajt, veru! Imma kelli kull dritt – jekk ommi kienet hekk supperva li ma teħux dak li ħaqqha, jien ma kontx! U m'iniex! Dak li tatini d-dinja jiena nieħdu, għala le? Tatni u tatini tant fuq wiċċi – tant majnati – ma neħux ukoll il-ftit tajjeb, il-loqom, li jaħarbulha? Meta r-rota ddur – meta l-ass idur u jmiss lili! Għaliex le?

Kulħadd jaħseb għal rasu, kulħadd jaqbad u jitlaq meta jaqbillu. L-ewwel int *(lix-XIĦ)* u wara int (*lil ALISTAIR)* u issa ommi – ommi wkoll! Għaliex le, mela? Għandi kull dritt!

OK, nammetti – iffalsifikajt il-firma t'ommi – iffalsifikajt tiegħek *(lil ALISTAIR)*. U lilek *(lix-XIĦ)* begħtlek dar li ma kinitx tiegħi – id-dar tiegħek stess. OK! Allura, issa? X'se tagħmlu? Titfgħuni l-ħabs? – Itfgħuni jekk tridu! Taħseb se jimpurtani? Eh?

*IX-XIĦ: Le. Ħadd mhu se jitfgħek il-ħabs. Tafu tajjeb!...*

/ Patta para patta! U issa – issa nirranġaw kollox bejnietna – kollox fil-familja, eh, xi tgħidu? Bħall-aħwa, eh, Alistair ħi. *(ipoġġi jdejh madwar spallejh)* Ħobża u sikkina eh, Alistair? Eh, Pa? Id taħsel l-oħra, eh, u l-kumplament, xi tgħid? *(<179).*

*(Ikompli p.158)*

**ĦIN** MASSIMU ............ MINIMU .............

**PROPS** ..............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☒ = IX-XIĦ

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF p.116